**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 166/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sarah Kathleen Zerafa)**

**vs.**

**Yarik Farrugia**

Illum 30 ta' Novembru 2021

Il Qorti:

Rat li tressaq taht arrest lil Yarik Farrugia ta' 21 sena, iben Jason Farrugia u Frances Anne xebba Magro u li joqghod gewwa Unit 1, Blk F, Fl5, Triq Guze' D'Amato, Paola u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 139397M.

Akkuzat talli:

Nhar t-8 ta' Marzu 2019 ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' filghaxija (17:30hrs) gewwa Triq Santa Marija, Tarxien,

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Nathaniel Attard hekk kif gie ccertifikat minn Dr. Francesca Akanji numru ta' registrazzjoni 3593 mic-centru tas-sahha ta' Paola.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ksirt il-paci pubblika u/jew l-bon ordni b`ghajjat u/jew glied;

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Nathaniel Attard u/jew persuni ohra billi jigu applikati l-provedimenti ta l-artikolu 412C tal-kap 9 tal-Ligijiet ta Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kas ta' htija jigu applikati l-provedimenti ta l-artikoli 382A u 383 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

l-Qorti hija finalment mitluba li f'każ ta' ħtija, minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi Yarik Farrugia biex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tas-17 ta' Marzu 2019, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar id-9 ta' Ottubru 2020 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

[1] Folio 6 ta' l-atti processwali

a. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 214, 215 u 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. Fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. Fl-artikoli 382A, 383, 412C u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta datata 15 ta' Ottubru 2020, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u ddecidiet li tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-15 ta' Ottubru 2020.[4]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar il-11 ta' Mejju 2021.[5]

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta nhar il-10 ta' Mejju 2019 mill-Prim Imhallef Emeritus Dr. Joseph Azzopardi.

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti kif kienet diversament preseduta qabel din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif illum preseduta;

---

[2] Folio 190 ta' l-atti processwali
[3] Folio 191 ta' l-atti processwali
[4] Folio 191 ta' l-atti processwali
[5] Folio 95 ta' l-atti processwali

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2021.[6]

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz imur lura ghal nhar it-8 ta' Marzu 2019 meta ghal-habta tal-hamsa u nofs ta' fil-ghaxija gewwa l-bandli ta' Hal Tarxien l-imputat kien ta daqqa ta' ras lil Nathaniel Attard.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tal-11 t'April 2019 xehdet **l-Ispettur Sarah Kathleen Zerafa** li spjegat li nhar it-8 ta' Marzu 2019 Carmelo u Maria Assunta Attard flimkien mat-tifel taghhom Nathaniel Attard ta' sbatax-il sena ghamlu rapport l-Ghassa ta' Rahal Gdid li iktar kmieni dik il-gurnata waqt li kien il-bandli ta' Hal-Tarxien, kien hemm persuna li aggredixxa lil Nathaniel Attard u tah daqqa fuq wiccu. Nathaniel Attard stqarr li huwa mar il-bandli ta' Hal

[6] Folio 116-121 ta' l-atti processwali

Tarxien biex ikellem lil hbieb tieghu li jisimhom Liam Desira u Wayne Ciantar Fil-bandli kien hemm tlett gruppi ta' zghazagh: il-grupp tieghu ma' shabu, il-grupp ta' dawn Liam u Wayne u grupp iehor. Ghall-habta tal-17:30hrs, persuna mill-grupp l-iehor ghadda minn hdejh u tah *charge* bl-ispalla u imbaghad persuna ohra mill-grupp tah daqqa ta' ras, daqqa ta' ras fuq rasu u wara li l-vittma qallu "ghal xiex?... jien m'ghandi xejn x'naqsam mieghek?" dan rega' tah daqqa ohra u qallu "tersqux lil hawn". Il-vittma ma kienx jaf min hu l-aggressur imma eventwalment gharfu minn fuq xi ritratti fuq Facebook. Il-Pulizija kienet taf li dan il-persuna kien Yarik Farrugia u fis-16 ta' Marzu 2019 dan gie arrestat u mitkellem fejn huwa innega li ra jew kien involut fi glied fil-bandli. Il-Pulizija elevat filmat CCTV migbud minn kameras tal-Kunsill Lokali ta' Hal Tarxien.

Fl-istess seduta xehed **il-parte civile Nathaniel Attard** li kkonfermat li fit-8 ta' Marzu 2019 kien mar il-bandli ta' Hal Tarxien ghall-habta tal-17:30hrs. Huwa kien ma' Cole Magro, Sarah Borg, Estella Camilleri u certu Liam u Wayne li aktar kienu hbieb ta' Cole Magro. X'hin kienu ser jitilqu mill-bandli, gew fuqhom grupp ta' erba' subien u tnejn minnhom l-ewwel taw *charge* lil Cole Magro u wara lill-parte civile. Ftit wara, l-imputat mar fuq il-parte civile u tah daqqa ta' ras u kif kien ser jersaq, rega' tah daqqa ohra bil-konsegwenza li fetahlu fuq ghajnejh fuq in-naha tal-lemin. Minhabba li mill-ferita beda hiereg hafna demm, il-parte civile flimkien ma' shabu telaq lejn ic-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid. Hemmhekk sarulu erba' punti sabiex tinghalaq il-ferita. Il-parte civile ma kienx jaf min hu l-imputat izda wara l-incident, intracca minn kien tramite Facebook u baghtlu messagg jistaqsi ghalfejn kien ghamillu hekk. L-imputat wiegeb li ma kienx ried iweggghu serjament u li ma kien ser jaghmillu xejn aktar fil-futur. Il-parte civile spjega li min-naha tieghu, huwa ma kienx xtaq jipprocedi fuq l-incident imma kienet ommu li nsistiet li jsir rapport l-Ghassa. In kontro-ezami, eskluda li kien hemm battibekki mal-

imputat minn qabel ma sehh l-incident. Fi kliem il-parte civile, l-incident inqala' ghax l-imputat u l-grupp tieghu ma riedux nies godda javvicinaw il-bandli, li kien bhal qisu t-territorju taghhom.

Fl-istess seduta xehdet **Estella Mercieca**, li meta sehh l-incident kienet fil-kumpanija ta' Sarah Borg, Chanelle Hili u Cole Magro fil-bandli ta' Hal Tarxien. Taf li l-parte civile Nathaniel Attard kellu diskursata ma habib tieghu li ma tafx x'jismu u meta kienu ser jitilqu mill-bandli, gew fuqhom grupp ta' subien li bdew jaghtu bl-ispalla, fejn aggredew lil Cole Magro u lill-parte civile. Filwaqt li Cole Magro ma rreagixxiex, f'hin minnhom dahal il-parte civile biex bhal qisu *"qabez ghalija"* b'referenza ghax-xhud billi intervjena u qalilhom "halluha naqra" u imbaghad l-imputat tah zewg daqqiet ta' ras wara xulxin. Dan sar minhabba li l-klikka tal-imputat bdew iduru lix-xhud wara li kienet qaltilhom ghalfejn qed igibu ruhhom b'dak il-mod. Minhabba li beda hiereg hafna demm mill-feriti, kienu marru c-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid. Ix-xhud spjegat li kienet semghat lil xi hadd mill-grupp tal-imputat jghid lill-parte civile "mur lura lejn pajjizek u tergax tersaq 'l hawn" u li dik kienet l-ewwel darba li hija kienet marret il-bandli ta' Hal Tarxien.

Fl-istess seduta xehed **Liam Desira**. Huwa spjega li kellu kwistjoni mal-parte civile Nathaniel Attard u kienu ltaghu l-bandli ta' Hal Tarxien biex jitkellmu, fejn issolva kollox bejniethom. Meta kienu ser jitilqu mill-bandli ra lill-parte civile bid-demm ma rasu. Ix-xhud ma rax min aggredixxa lill-parte civile u jaf ghax qalulu n-nies biss dak il-hin kien sema tfajla tghid "halluh!" jew kliem simili u probabbilment din kienet Estella Mercieca. Wara kollox, baqa' sejjer mal-parte civile fic-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid. In kontro-ezami, ix-xhud rega spjega li l-argument inizzjali tieghu mal-parte civile kien wiehed qasir hafna li ma damx aktar minn hames minuti u li ma kienx hemm glied bejniethom.

Fl-istess seduta xehed **Wayne Ciantar**. Spjega li dakinhar tal-incident il-parte civile u Liam Desira kellhom diskursata bejniethom. Dak il-hin ix-xhud kien qed jitkellem ma xi hbieb ohra hdejn il-gazebo li hemm fil-bandli ta' Hal Tarxien u xi hames minuti dar u ra lill-parte civile bid-demm ma mohhu. Huwa ma rax l-incident isehh minhabba li kien daru lejn fejn kien hemm il-parte civile, biss kien ra li kien hemm il-grupp tal-imputat Yarik Farrugia vicin tal-parte civile. Huwa ma kienx jaf min huma l-imputat u shabu qabel l-incident. Ix-xhud akkumpanja lill-parte civile fic-centru tas-sahha ukoll fejn kienu sarulu l-punti. Jiftakar li kienu qalu li l-parte civile kien waqa fuq il-bankina minhabba li l-parte civile ma xtaqx juri lil ommu x'kien gara.

Fis-seduta tat-12 ta' Settembru 2019 xehed **PS1396 Sergio Farrugia**, stazzjonat fl-Ghassa ta' Hal Luqa, li spjega li nhar it-8 ta' Marzu 2019 ghall-hbta tat-20:30hrs kien xoghol fl-Ghassa ta' Rahal Gdid u gew Nathaniel Attard flimkien ma' ommu u ma' missieru sabiex jaghmlu rapport. Bazikament Attard qal li kien gewwa l-bandli ta' Hal Tarxien sabiex jitkellem ma xi hbieb tieghu li kienu qeghdin hemmhekk, u stqarr ukoll li kif qam minn hdejhom, kien hemm erba fuq bank iehor fl-istess gnien u qamu u tnejn minnhom hebbew ghalih, wiehed tah *charge* u l-iehor tah daqqtejn go wiccu. Ix-xhud informa lill-Ispettur u baghat ufficjali sabiex jelevaw il-filmati tal-kameras tal-Kunsill Lokali.

Fl-istess seduta xehdet **Sonia Attard**, omm il-parte civile. Hija m kienitx prezenti waqt l-incident. Dakinhar tal-incident hija kienet qieghda d-dar fil-Marsa u r-ragel qalilha li kein cempillu t-tifel li kien wegga' u kien sejjer ic-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid. Hija flimkien mar-ragel marru immedjatament fuq il-post u sabu lit-tifel qed jinghata l-kura hemmek. Kien hemm prezenti grupp ta' tfajliet u guvintur li identifikaw ruhhom bhala hbieb tieghu. Minhabba li hija ssuspettat li t-tifel kien wegga' fi glieda, riedet taghmel rapport mal-Pulizija kif filfatt sar.

Fl-istess seduta xehed **Carmelo Attard**, missier il-parte civile, li kkonferma li kien cempillu t-tifel u qallu li kien wegga' fil-bandli ta' Hal Tarxien. Meta sab lit-tifel fic-centru tas-sahha ta' Rahal Gdid, dan kien b'wiccu miksi demm u qal li kien waqa', ghalkemm id-daqqa kienet tidher li mhux gejja minn waqa'. Eventwalment, it-tifel kien qallu li qala' daqqa ta' ras minghand wiehed.

Fis-seduta tal-24 t'Ottubru 2019 xehed **it-Tabib Dr Mario Scerri**, espert mediko-legali mahtur mill-Qorti, li halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu fejn huwa kkonkluda li b'rizultat tal-allegata aggressjoni, spicca b'cikatrici fuq is-supraorbital ridge tal-lemin. Minhabba li c-cikatrici tinvolvi l-*eyebrow*, hemm parti li fuqha ma jitlax xaghar. Ic-cikatrici hija rizultat ta' lacerazzjoni maghmula minn *blunt trauma* u tidher *from within talking distance*.

Fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2020 xehed **Dr Steven Farrugia Sacco**, espert mahtur mill-Qorti, li halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu.

Fl-istess seduta xehed **Cole Magro** li spjega li dakinhar tal-incident hu, flimkien mal-parte civile Nathaniel Attard, Sarah Borg, Chanelle Hili u Estella Micallef marru l-bandli ta' Hal Tarxien sabiex ikellmu lil certu Liam Desira dwar tfajla partikolari. Huwa u hiereg mill-bandli, ix-xhud qala' daqqa ta' spalla minghand guvni li kien fil-gnien imma ma kienx jaf min hu. Wara ftit, hares lura u ra lil parte civile bid-demm mal-kappell t'ghajnejh, madankollu ma kien ra xejn isehh quddiemu. Lanqas ma kien kapaci jidentifika lill-imputat fl-awla.

Fis-seduta tal-25 ta' Gunju 2020 xehed **PC 415 Rendal Gili**, stazzjonat fil-Laboratorju tal-Pulizija, li stqarr li fl-14 ta' Marzu 2019 huwa kien inkarigat jiskarika l-filmati ta' kameras CCTV tal-Kunsill Lokali ta' Hal Tarxien li hemm bil-bandli in kwistjoni.

Fis-seduta tat-30 ta' Lulju 2020 xedet **it-Tabiba Dr Francesca Akanji**, adetta fic-Centru tas-Sahha ta' Rahal Gdid, li b'referenza ghac-certifikat mediku ezebit a fol 7 hija gharfet l-istess u spjegat li hija kienet ezaminat lill-parte civile Nathaniel Attard fejn dan kellu qasma fuq il-hageb lemini ta' daqs cirka sitt cemtimetri li kellha bzonn tinghalaq permezz ta' erba punti. Minhabba li ma kienitx taf ir-rizultat kozmetiku maz-zmien, ix-xhud ikklassifikat il-gerha bhala wahda gravi, b'dan li fil-hin tal-ezami, il-gerha kienet vizibbli hafna. In kontro-ezami, ix-xhud stqarret li ma regghatx invistat lill-parte civile.

Fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2021 xehdet **l-ufficjal tal-*probation* Maria Mifsud** li halfet u pprezentat *social inquiry report* relattiv ghall-imputat. Mill-ezami li sar minnha, irrizulta li l-imputat kellu trobbija infelici u diffikultuza minghajr il-prezenza tal-missier. Fil-passat kien jikkonsma d-droga sintetika u fil-prezent juza l-kannabis sabiex *"jirregola l-emozzjonijiet tieghu"*. Minkejja li kien mitlub jaghmel dan, huwa naqas li jissottometti kampjuni tal-awrina u allura l-possibilita` ta' abbuz minn drogi ohrajn ma setghatx tigi eskluza. Ix-xhud issuggeriet illi jkun benficjali ghall-imputat li jsiru sessjonijiet ta' terapija individwali sabiex jigi ndirizzat l-aspett tal-kontroll tal-emozzjonijiet tieghu.

**Ikkunsidrat**

**Principji Legali**

L-artikoli 214, 215 u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghidu:

*214. Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.*

*215. L-offiża fuq il-persuna tista' tkun gravi jew ħafifa.*

*216. (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn sena sa seba' snin –*
*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

Illi kif gie ritenut fl-kazistika nostrana u skond il-**Professur Anthony Mamo** dan ir-reat isehh jekk jirrizulta mankamanet jew sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn tal-offiz.

Fil-kaz **Il-Pulizija vs Paul Spagnol**[7] gie ritenut

*"B'mankament...fil-wicc il-ligi qed tirreferi ghal kull deterjorament tal-aspett tal-wicc li, anke minghajr ma jnissel ribrezz jew ripunjanza, jipproduci sfigurament 'cioe peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entità della alterazione stessa, o per l'espressione d'assjeme del volto" (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale, Volume Ottavo, Cap. XXVIII, p. 235). Sfregju, mill-banda l-ohra u a differenza ta' mankament, hija kull hsara li tista' ssir fir-regoiarità tal-wicc, fl-armonija tal-linearnenti tal-wicc, u anke f'dik li hija s-sbuhija tai-wicc. Skond gurisprudenza ormaj pacifika, din ilhsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik 'li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma' xulxin' (Il-Pulizija v. Emily Zarb App. Krim. 15/2/58, Koliezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248). Ghalhekk mhix korretta il-proposizzjoni li temergi mill-bran tas-sentenza appena citata, li jekk ikun hemm cikatrici neccessarjament hemm sfregju, izda ma jkunx hemm sfregju jekk ikun hemm sempici skolorament tal-gilda. Anke skolorament talgilda jista' jipproduci kemm sfregju kif ukoll mankament fil-wicc fis-sens spjegat. Kollox jiddependi mill-entità tal-hsara; mhux importanti x'tissejjah ilhsara fil-gergo mediku Jew popolarment, dak li hu importanti hu l-effett li thalli fuq il-wicc."*

[7] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri), Imhallef Vincent DeGaetano; Deciza 12 ta' Settembru 1996

Illi dan il-punt huwa enfaziat mill-awtur legali Antolisei li stqarr li mankament jew l-isfregu ghandu ikun *"visible stando di fronte alla persona."* u li kien ikkonfermat fil-kaz **Il-Pulizija vs Emily Zarb**[8] fejn il-Qorti kkonfermat l-istess hsieb u stqarret li l-isfregju kkontemplat fl-artikolu 216(1)(b) jista jkun anke temporanju u li din il-hsara li tammonta ghal sfregju trid tkun vizibbli minn distanza li hi dik *"li soltu jkun hemm bejn in-nies meta jitkellmu ma xulxin."*

Illi dan is-sentiment jinstab ukoll fil-kaz **Il-Pulizija vs Hassan Ali Mohammed Abdel Raouf**[9] fejn il-ghamlet referenza wkoll ghal awtur legali Manzini fejn gie ritenut:

*"peggioramento d'aspetto notevole o complessivo, o per l'entita` della alterazione stessa, o per l'esp ressione d'assieme del volto".*

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Reno Azzopardi**[10] ppreseduta mill-istess Qorti gie ritenut:

*Effettivament il-ligi taghna stess taghmel distinzjoni bejn sfregju li fil-prattika jissejjah "semplici" (artikolu 216(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u sfregju "gravi u permanenti" (artikolu 218(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). U kif intqal fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Frar 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Fortunato Sultana: "Skond din id-disposizzjoni [l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali] l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari; sfregju fil-wicc (jew fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghallfinijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permanenza ta' -isfregju hi rilevanti biss meta, abbinata mal-gravita`, taghti lok ghal hekk imsejha 'offiza gravissima' skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali." Issa, sfregju hija "kull hsara li tista' ssir*

[8] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri), Deciza 15 ta' Frar 1958; Kollezz. Deciz. XLII.iv.1245, 1248
[9] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor Imhallef David Scicluna; Appell Kriminali Numru 484/2011; Deciza t-23 ta' Jannar 2013
[10] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor Imhallef David Scicluna; Appell Kriminali Numru 308/2010; Deciza t-2 ta' Marzu 2011

*"fir-regolarita` talwicc, fl-armonija tal-lineament tal-wicc u anke f'dik li hija s-sbuhija tal-wicc"*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[11] kien ritenut:

*L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem, fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex 5 mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sieghat, granet, gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi u permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-Artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) jekk hemmx sfregju jew le hija kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz il-magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghall-konkluzzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga inghad, ghall-finijiet tal-Artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammontaw ghall-offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi aktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Trevor Micallef) vs Luke Sciberras**[12] gie ritenut li:

*"Ghalhekk sabiex ikun pruvat l-aspett materjali ta' dan irreat mhux necessarju li l-offiza tkun tali li "tista" thalli mankament jew sfregju. Dik il-possibilita' tirrafigura biss flezami tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(a) jew 218. Sabiex tkun skontata l-prova tar-reat kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) huwa bizzejjed li l-offiza thalli mankament jew sfregju, f'dan ilkaz mankament, fuq l-idejn jew fuq il-wicc u l-kwistjoni ta' permanenza jew possibilita' jew probabilita' ta' permanenza ma*

[11] Qorti tal-Appell Kriminali, Deciza it-12 ta' Settembru 1996

[12] Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Appell Numru 219/2016; Onor. Imhallef Giovanni Grixti; Deciza t-28 ta' Mejju 2018

*jiccentraw xejn in rigward. Fi kliem iehor, fil-kodici penali taghna, l-offiza fuq il-persuna tista' tkun wahda hafifa u ta' importanza zghira, gravi jew gravissima. Issa, kif tajjeb imfisser fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija vs Fortunato Sultana tal-5 ta' Frar 1998, fost diversi ohrajn, il-ligi ma 6 tirrikjedix li l-isfregju jipperdura ghal zi zmien partikolari. Sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f'wahda mill-idejn anke jekk ta' ftit granet jibqa' sfregju ghall-finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni. Il-permamenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal-hekk imsejha "offiza gravissima" skond l-artikolu 218(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Ghalesposizzjoni aktar profonda tal-kwistjoni in tema, tajjeb li ssir referenza ukoll ghas-sentenza ta' din il-Qorti deciza fil-15 ta' Frar 2011 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jonathan Farrugia fejn oltre s-sentenza citata saret referenza ghal-diversi sentenzi ohra fosthom dik Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich tat-2 ta' Settembru 1999."*

Illi skond l-awturi **Archbold 2021**[13]

*"Grievous bodily harm" should be given its ordinary and natural meaning of really serious bodily harm, and it is undesirable to attempt any further definition of it:* ***DPP v Smith [1961] A.C. 290, HL ; Cunningham [1982] A.C. 566, HL ; Brown (A.) [1994] 1 A.C. 212, HL .*** *It is not necessary that the harm should be either permanent or dangerous: Ashman (1858) 1 F. & F. 88. Nor is it a precondition that the victim should require treatment or that the harm would have lasting consequences; in assessing whether particular harm was "grievous", account has to be taken of the effect of the harm on the particular individual:* ***Bollom [2003] EWCA Crim 2846; [2004] 2 Cr. App. R. 6*** *. Bodily harm includes psychiatric injury:* ***Ireland; Burstow [1998] A.C. 147, HL*** *; but not psychological injury:* ***Dhaliwal [2006] EWCA Crim 1139; [2006] 2 Cr. App. R. 24*** *. "*[14]

L-istess awturi jghidu wkoll:

[13] Archobold Criminal Pleading, Evidence and Practice 2021
[14] Ibid 19-258, Folio 2293

*It was formerly accepted that "causing" was wider than "inflicting" and that where the allegation was of causing grievous bodily harm, the issue was a straightforward one of causation: did the injury result from the act of the accused? The distinction has, however, been reduced to vanishing point by the decision of the House of Lords in* ***Ireland; Burstow ,*** *above, to the effect that, whilst "causing" and "inflicting" are not exactly synonymous, grievous bodily harm could be "inflicted" without an assault and without the direct or indirect application of force to the victim's person (psychiatric injury caused by persistent harassment).*[15]

**Ikkunsidrat**

**Il-ferita**

Il-prosekuzzjoni esebiet certifikat mediku maghmul nhar it-8 ta' Marzu 2019 fis-6.30pm ta' filghazija u mahrug mit-tabib Dr. Francesca Akanji Med Reg. No. 3598, Polyclinic ta' Paola.[16]

It-tabiba iccertifikat l-griehi tal-vittma, Nathaniel Attard, bhala gravi.

Illi t-tabiba ikonfermat l-istess certifikat mediku *viva voce* meta tat x-xhieda taghha u stqarret li l-vittma:

*"Kellu qasma fuq il-hageb lemini ta' prossimament sitt centimetri ta' tul li kellha bzonn tinhiet b'erba' punti u ktibt li ghamiltha bhala natura gravi ghax jista' jkun thalli scar permanenti pero'ktibt ukoll fin-noti ohra peress li l-ferita qieghda fuq il-hageb tista' jew ma tistax thalli marka permanenti. At that point ma nkunx nista' nghid.*[17]

Illi fuq talba ta' l-Avukat Generali[18] t-tabib Dr. Mario Scerri kien gie mahtur mill-Qorti sabiex jezamina l-feriti subiti mill-parti leza, u cioe lil Nathaniel Attard, ai fini ta' l-imputazzjonijiet u gie akkordat lilu l-fakultajiet li jitnisslu

[15] Ibid 19-260, Folio 2293-2294
[16] Dok SZ1, Folio 7 ta' l-atti processwali
[17] Folio 106 ta' l-atti processwali
[18] Folio 74 ta' l-atti processwali; Rinviju ta' l-Avukat Generali tat-30 ta' Awissu 2019.

mill-artikolu 650(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll gie awtorizzat sabiex jirtira mill-atti processwali esebit necessarji sabiex ikun jista jespleta l-inkarigu tieghu.[19]

Mir-rapport[20] tat-tabib Dr. Mario Scerri gie ikkonfermat li l-vittma spicca b'cikatrici fuq is-*supraorbital ridge* ta' l-ghajn il-leminija u li din *"kienet rizultat tal-ferita li huwa garrab waqt l-allegat incident imsemmi."*[21]

Skond l-espert *"Din ic-cikatrici hija rizultat ta' lacerazzjoni rizultat ta' blunt trauma, din hija marka permanenti u sfortunatament tidher from, from, within walking distance.*[22]

**Ikkunsidrat**

**Il-verzjoni tal-vittma**

Illi mir-rapport tal-pulizija[23] jirrizulta li dak in-nhar ta' l-incident il-vittma, flimkien mal-genituri tieghu marru jirraportaw gewwa l-ghassa tal-pulizija li l-imputat kien tah daqqa tah daqqa ta' ras.

Il-parte civile gie mitkellem quddiem il-genituri tieghu u stqarr li hu kien gewwa l-bandli flimkien ma zewgt tihbieb jitkellmu u meta gew sabiex jitilqu *"qamu erba li kienu gewwa l-istess gnien u wiehed minnhom baqa diehel go fih u tah charge."*[24] Il-parte civile kien qalilhom li hu ma riedx glied u inkwiet maghhom izda wiehed mill-aggessuri *"tah daqqa ohra b'rasu u qasamlu rasu u kif rah bid-demm ma wiccu qal li staqsieh jekk kienx ried xi daqqa ohra u stqarr li qallu wkoll sabiex lejn pajjizhom ma jersqux u gibduh shabu u telqu lill hemm."*[25]

[19] Folio 76 ta' l-atti processwali
[20] Dok MS1, Folio 94-104 ta' l-atti processwali
[21] Folio 98 ta' l-atti processwali
[22] Folio 92-93 ta' l-atti processwali
[23] Dok SZ6, Folio 14-17 ta' l-atti processwali
[24] Folio 16 ta' l-atti processwali
[25] Ibid

Fir-rapport li ta lill-pulizija l-vittma stqarr li ma kienx jafx l-aggressuri minn huma u ta deskrizzjoni taghhom. Din il-verzjoni tal-vittma giet ukoll ikkoroborata minn persuni ohra prezenti.[26]

Sussegwentement il-vittma ta x-xhieda tieghu viva voce quddiem il-Qorti.[27] Fix-xhieda tieghu rega ikkonferma l-istess fatti ta' kif dan il-grupp l-iehor ghamel ghalihom ghal xejn b'xejn.

Quddiem il-Qorti, il-vittma identifika lill-imputat Yarik Farrugia bhala l-persuna li tah it-tieni daqqa fuq wiccu u laqatlu ghajnejh il-leminija.[28]

Ix-xhud ikkonferma li d-daqqa inghatatlu bir-ras.

*"Zewg daqqiet bir-ras tani, l-ewwel wahda ma laqatniex u t-tieni wahda fetahli fuq mohhi."*[29]

Wara li gara dan l-incident, il-vittma kkomunika ma l-imputat tramite s-sit Facebook biex jara ghalfejn ghamillu hekk u l-imputat spjegalu li ma kienetx intenzjonata li jwegghu b'dak il-mod.

**Ikkunsidrat**

**L-istqarrija ta' l-imputat**

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrija[30] ta' l-imputat ittiehdet nhar is-16 ta' Marzu 2019, u cioe madwar gimgha wara l-incident gewwa l-Ghassa tal-Pulizija, Rahal l-Gdid fl-ufficju ta' l-Ispettur Sarah Kathleen Zerafa fil-prezenza ta' PC 933 Kurt Jenkins u dan wara li kien inghata s-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni.

---

[26] Folio 17 ta' l-atti processwali
[27] Folio 30-37 ta' l-atti processwali
[28] Folio 33 ta' l-atti processwali
[29] Folio 32 ta' l-atti processwali
[30] Dok SZ4, Folios 10-12 ta' l-atti processwali

Illi wara li l-imputat inghata il-jedd li qabel ma issirilu xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, iddikjara li irrinunzja milli jezercita dan id-dritt.[31]

Illi fl-istqarrija ta' l-imputat, l-imputat Yarik Farrugia ghazel li ma jiffirmax l-istqarrija tieghu filwaqt li ghazel li certu domandi ma jwegibhomx. Minn dak li wiegeb jikkonferma li dak in-nhar ta' l-incident kien gewwa l-bandli fi Triq Santa Marija, Tarxien ghal-habta tal-hamsa u nofs ta' filghaxija. Waqt li kien hemm ra bidu ta' glieda bejn zewg gruppi li wiehed minnhom kien ta' Nathaniel Attard.

L-imputat jghid li hu mar fuq Nathaniel Attard biex iwissieh biex ma jiggelidx mal-grupp l-iehor.

*"Mort fuq Nathaniel u ghajjat naqra mieghu biex ma jiggiledux. Ghidtlu kliem bhal: tiggildux hawn hekk, titkeshux."*[32]

L-imputat jinnega li f'xi hin refa idejh fuq Nathaniel Attard u zied jghid li wara l-glied, Nathaniel Attard baghtlu messaggi fuq is-sit Facebook sabiex jiskuza ruhu mieghu. L-imputat jikkonferma wkoll li qabel dak in-nhar ma kienx jaf lil Nathaniel Attard.

**Ikkunsidrat**

**Provi tal-prosekuzzjoni**

Il-prosekuzzjoni ressqet lil Cole Magro, Estella Mercieca, Liam Desira u Wayne Desira sabiex jixhdu stante li kienu prezenti meta inqala l-incident.[33]

---

[31] Dok SZ3, Folio 9 ta' l-atti processwali
[32] Folio 11 ta' l-atti processwali
[33] Folio 38-56 u 150a-165 ta' l-atti processwali

Ix-xhieda taghhom tikkorobora dak li xehed il-vittma Nathaniel Attard.

Fix-xhieda taghha Estelle Mercieca tispjega li l-aggessuri kienu ha jduru ghaliha u li Nathaniel Attard mar jaqbez ghaliha ghax it-tnejn hasbu li l-aggressuri kienu ser iwegghuha.

Estelle Mercieca identifikat lill-imputat fl-awla bhala l-persuna li ta zewg daqqiet ta' ras lil Nathaniel Attard fuq in-naha leminja ta' rasu.[34]

Mix-xhieda ta' l-Ispettur Sarah Zerafa u PS 1396 Sergio Farrugia gie ikkonfermat minn dak li gie rapport lilhom, li l-incident kien sehh gewwa l-bandli ta' Hal Tarxien nhar it-8 ta' Marzu 2019 u li l-imputat u l-vittma kienu t-tnejn gewwa dan il-gnien meta gara l-incident. L-incident sehh meta persuna marret fuq Nathaniel Attard u tatu daqqa ta' spalla filwaqt li persuna ohra, u cioe l-imputat, tah daqqa ta' ras fuq rasu. Illi din id-daqqa f'rasu ma kellha ebda motivazzjoni instigata minnu stante li l-vittma ma kienx jaf l-imputat. Meta qalha d-daqqa, l-imputat wissieh biex ma jergax jersaq fl-istess post.

Il-prosekuzzjoni ressqet ukoll il-genituri tal-vittma, cioe l-konjugi Sonia u Carmel Attard.[35] Mix-xhieda taghhom jirrizulta li l-vittma qalilhom bid-daqqa li kien qala gewwa l-bandli ta' Hal-Tarxien u li sussegwentement ghamlu rapport gewwa l-ghassa tal-pulizija.

Il-Qorti rat ic-CD esebit mill-pulizija li fiha hemm jidher filmat minn zewg angoli.[36] Dan il-filmat kien ingabar minn PC 415 Rendal Gili. Sussegwentement, fuq talba ta' l-Avukat Generali kien gie mahtur espert sabiex jezamina dan ic-CD. Wara li l-Qorti hatret lil Dr. Stephen Farrugia Sacco gie akkordat lilu l-fakultajiet li jitnisslu mill-artikolu 650(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll gie awtorizzat sabiex jirtira mill-atti

[34] Folio 40 ta' l-atti processwali
[35] Folio 80-87 ta' l-atti processwali
[36] Dok SZ1, Folio 29 ta' l-atti processwali

processwali esebit necessarji sabiex ikun jista jespleta l-inkarigu tieghu. Mix-xhieda u r-rapport ta' l-espert Dr. Steve Farrugia Sacco[37] li ezamina c-CD in kwistjoni jidhru stills ta' l-incident u l-post in kwistjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi minn ezami tal-provi prodotti l-Qorti hija konvinta li l-imputat ta daqqa ta' ras lil Nathaniel Attard u kkawzalu ferita; dak li jrid jigi determinat huwa jekk din l-offiza hijiex wahda li taqa' fit-termini ta' dak predispost f'l-artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll jekk l-imputat kisirx volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku.

Illi mill-ezami tax-xhieda u d-dokumenti esebiti, partikolarment ir-ritratti esebiti, ic-certifikat mediku, kif ukoll ir-rapporti ta' l-espert mahturi, il-Qorti tqis li gie ppruvat minghajr ebda dubju dettat mir-raguni li l-offiza taqa' fit-termini ta' l-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti tqis ukoll li l-imputat kiser volontarjament il-bon ordni u l-kwiet pubbliku bl-agir tieghu f'dan il-incident.

Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat il-kaz fl-intier taghha u sejra tghaddi sabiex issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotta kontrih.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Illi ghal-finijiet ta' piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti, il-Qorti qieset, b'zieda mac-cirkostanzi kollha tal-kaz is-segwenti fatturi:

- Il-fedina penali ta' l-imputat. Mill-fedina penali ta' l-imputat[38] jirrizulta reat wiehed registrat kontra l-imputat li jidher li sar fl-istess inhawi

[37] Dok SFC1, Folio 122-150 ta' l-atti processwali

mertu ta' dan il-kaz fejn kien gie ikkagunat hsara u vandalizmu fuq Gazebo f'dan il-gnien.

- Il-Qorti tqis l-agir ta' l-imputat bhala wiehed kapriccjuz u immatur ghall-ahhar. L-incident jidher li sar minghajr ebda raguni fuq vittma li ma jirrizulta li ghamillu xejn, wisq anqas ipprovokah, u li kien ghaddej ghal affarieh f'post pubbliku. Jirrizulta li l-imputat ppretenda li l-gnien pubbliku huwa xi territorju personali tieghu u li jiddeciedi hu min jista' igawdih.
- Mis-*social inquiry report*[39] jirrizulta li l-imputat jaghmel uzu mid-droga cannabis sabiex jirregola l-emozzjonijiet tieghu u dan minhabba li ma kellux trobbija felici. Madankollu l-imputat ma kkoperax sabiex jaghti kampjun ta' l-awrina ghar-rigward uzu ta' drogi ohra.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 214, 215, 216(1)(b), 338(dd), 382A, 383, 412C u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lil Yarik Farrugia hati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih u tikkundannah prigunerija ta' **sitt (6) xhur prigunerija**, li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal zmien sentejn snin (2) millum.

Il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodici Kriminali, spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

[38] Dok SZ5, Folio 13, esebita nhar is-17 ta' Marzu 2019
[39] Dok MM1, Folio 100-114 ta' l-atti processwali

Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi għas-sigurta` pubblika, tqiegħed lill-ħati Yarik Farrugia taħt obbligazzjoni tiegħu personali għal perjodu ta` sena taħt penali ta` elf ewro (€1,000).

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hati a favur ta' Nathaniel Azzopardi ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Inoltre peress li l-Qorti tqis li f'dan il-każ hemm lok li jiġi maħruġ ordni ta' trattament fil-konfront tal-imputat u li permezz tiegħu huwa jkun jista' jiġi mgħejjun jegħleb diffikutajiet tieghu ghar-rigward l-emozzjonijiet tieghu, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali qegħdet lill-ħati taħt ordni ta' trattament għal perjodu u ta' sentejn millum u dan skont il-kondizzjonijiet li jinsabu fid-digriet anness ma din is-sentenza u li jagħmel parti integrali minnha. Il-Qorti tiddikjara li għamlet din l-ordni ta' trattament wara li hija spjegat lil ħati bi kliem ċar u li jinftiehem il-konsegwenzi li jitnisslu minn ordni ta' trattament kif ukoll ir-responsabblita tiegħu naxxenti mill-istess kif ukoll il-konsegwenzi li jitnisslu f'każ li huwa ma joqgħodx għallkondizzjonijiet imsemmija fl-ordni ta' trattament.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati Yarik Farrugia ihallas lir-Registratur l-ispejjez globali ta' sebgha mija, tlieta u tlettin Ewro u tmienja u tlettin centezmu (**€733.38)** rapprezentanti l-ispejjez tal-espert mahtur it-tabib Dr. Mario Scerri fis-somma ta' mitejn u tnejn u sittin Ewro u hamsin centezmu (€262.50)[40] u l-espert Dr. Steven Farrugia

[40] Folio 104 ta' l-atti processwali

Sacco fis-somma ta' erba mija u sebghin Ewro u tmienja u temenin centezmu (€470.88).[41]

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lir-Registratur tal-Qorti.

**Moghtija illum nhar it-30 ta' Novembru 2020 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**

[41] Folio 128 ta' l-atti processwali